# 4.2 Duħħan, Storbju u Skart

Il-fabbriki huma ferm importanti għal pajjiżna. Iħaddmu eluf kbar ta' nies kif ukoll jipproduċu affarijiet li tant għandna bżonn biex aħna nkunu nistgħu ngħixu aħjar. Barra minn hekk numru ta' fabbriki jbigħu l-prodotti lesti barra minn Malta u jagħmlu qliegħ ta' flus għal pajjiżna. Sfortunatament xi fabbriki jagħmlu wkoll ħsara kbira lill-ambjent ta' madwarna. Dan insejħulu tniġġis ambjentali. Tniġġis huwa ħmieġ jew storbju jew kull ħaġa oħra li tagħmel ħsara b'xi mod lil xi post partikolari.

## Tniġġis mill-fabbriki





**Ħmieġ fl-Arja**
Id-dħaħen li joħorġu miċ-ċmieni tal-fabbriki jaffetwaw ħażin ħafna lis-saħħa tal-bniedem. Jistgħu jikkaġġunaw qtugħ ta' nifs u *asthma*.

**Irwejjaħ**
Xi fabbriki bħal dawk li jaħdmu u jipproduċu l-plastik jwaddbu rwejjaħ jintnu.

**Ħsejjes**
Trakkijiet kbar ġejjin u sejrin lejn l-oqsma industrijali kif ukoll l-istorbju tal-makkinarju jdejqu n-nies tal-viċin.

**Dehra**
Ftit huma l-fabbriki li għandhom dehra sabiħa. Barra minn hekk il-fabbriki jużaw ħafna kimiċi, kaxex tal-kartun, injam, karti, ħġieġ u materjali oħra fix-xogħol tagħhom. Dan l-iskart kollu jrid jintrema.



Xi fabbriki joħolqu problemi ambjentali. Xi wħud mill-problemi ta' tniġġis jinsabu mniżżla hawn taħt. Iktibhom fil-kaxex li hemm fit-tabella li ġġib l-isem Tniġġis mill-Fabbriki.

- dħaħen jikkaġunaw qtugħ ta' nifs u *asthma*
- irwejjaħ jintnu
- ħsejjes ta' trakkijiet u kontejners
- ħsejjes mill-makkinarju
- dehra kerha
- ħafna skart li jrid jintrema
- dħaħen li jmermru l-bini u l-monumenti



Tniġġis mill-Fabbriki



Immaġina li int toqgħod viċin ta' post fejn hemm il-fabbriki. Liema żewġ tipi ta' tniġġis l-aktar li jdejquk? Għaliex?

Il-karozzi wkoll jagħmlu ħsara kbira lill-ambjent u jniġġsu l-arja li tant għandna bżonn. Il-karozzi, it-trakkijiet u tal-linja għandhom bżonn il-petrol jew id-diżil biex jaħdmu u meta dan jintuża joħroġ bħala duħħan li huwa perikoluż għas-saħħa. Dan il-gass valenuż joħroġ mill-pajp ta' l-egżost ta' kull karozza u jista' jikkawża qtugħ ta' nifs, *asthma* u mard ieħor. Il-petrol magħruf bħala LRP huwa aktar perikoluż peress li fih iċ-ċomb li meta jitħallat ma' l-arja jista' jikkawża problemi serji ta' saħħa lill-bniedem.




Aqra s-sentenzi t'hawn taħt u ittikkja jekk inkunx qed nagħmel sewwa jew ħażin jekk;

| | Sewwa | Ħażin |
|---|---|---|
| • Inħaddem il-karozza tiegħi bil-petrol bla ċomb. | | |
| • Inżomm il-makna tal-karozza mixgħula mingħajr ma nkun miexi. | | |
| • Nivvjaġġa bħala grupp f'karozza waħda. | | |
| • Qatt ma nuża l-karozza tal-linja. | | |
| • Rari nagħti *service* lill-karozza tiegħi. | | |
| • Inħobb insuq bis-70 km fis-siegħa. | | |
| • Immur distanzi qosra bil-mixi flok bil-karozza. | | |

Aktar ma nixtru karozzi aktar jintuża petrol u aktar jiżdied it-tniġġis u l-mard. Il-karozzi, it-trakkijiet, tal-linja kif ukoll il-muturi jżidu ħafna l-istorbju li jdejjaq lil ħafna nies, fosthom lill-anzjani. Il-ħsejjes tal-makni, id-daqq tal-ħornijiet, iż-żaqżiq tal-brejkijiet huma ħsejjes li jeqirdu l-kwiet u l-paċi ta' madwarna.



In-numru ta' karozzi fit-toroq tagħna joħloq ħafna problemi. Hawn maż-żewġ karozzi għal kull tliet persuni u n-numru ta' karozzi fit-toroq aktar ma jmur aktar qed jiżdied. Issa poġġi dawn il-problemi ta' tniġġis fit-tabella t'hawn taħt.

- jikkawża qtugħ ta' nifs, asthma u mard ieħor mid-duħħan li joħroġ mill-pajp ta' l-egżost.
- LRP fih iċ-ċomb u jista' jagħmel ħsara fil-moħħ ta' tfal żgħar.
- storbju ta' ħornijiet, żaqżiq ta' brejkijiet u tal-makni tal-karozzi.
- nugrufun li joħroġ mill-egżost iħammeġ il-ħitan u d-djar.
- numru kbir ta' karozzi, tajers u batteriji bl-aċtu jintremew ta' kull sena u jżidu l-problemi ta' l-iskart.



**Tniġġis mit-Traffiku**



- b'kulur aħmar immarka l-kaxex li jkollhom effett ħażin fuq is-saħħa tal-bniedem.
- b'kulur aħdar immarka l-kaxex li jkerrħu l-ambjent.

Qabbel dawn is-sentenzi u wara iktibhom mill-ġdid fil-post approvdut isfel.

Aktar ma ssuq bil-għaġla

sabiex tnaqqas il-piż u b'hekk tiffranka l-*fuel*.

Fejn hu possibli uża l-karozza tal-linja

biex ma tinqabadx fit-traffiku.

Neħħi xi affarijiet żejda mill-vettura

Jekk sejjer l-iskola bil-vettura mal-ġenituri

minflok tuża l-vettura.

Ipprova evita li tivjaġġa fir-*rush hour*

Għal distanzi qosra, ipprova imxi

aktar taħli *fuel* u aktar tniġġis ta' l-arja.




għax jekk ikunu mimlijin innaqqsu ferm it-tniġġis ta' l-arja.

wassal lil xi ħadd minn sħabek ukoll biex ikun hawn inqas vetturi fit-toroq.

X'taħseb li għandu jsir biex inħajru n-nies tuża t-trasport pubbliku?

Kemm hi mniġġsa l-arja tal-post fejn toqgħod?

Ħares sewwa lejn din it-tabella:

| | 4 punti | 3 punti | 2 punti | punt |
|---|---|---|---|---|
| Fejn jinsab il-post | Fil-qalba tal-belt | Fit-tarf tal-belt | Fir-raħal | Fil-kampanja |
| L-għoli ta' l-art | Baxx | La għoli u l-anqas baxx ħafna | Fl-għoli | |
| Bogħod mit-triq prinċipali | Anqas minn 2 minuti bogħod bil-mixi | 2 minuti bogħod bil-mixi | 6 minuti bogħod bil-mixi | Kwarta bogħod bil-mixi |
| Bogħod mill-fabbriki | Anqas minn 5 minuti bogħod bil-mixi | Bejn 5 u 10 minuti bogħod bil-mixi | Bejn 11 u 20 minuta bogħod bil-mixi | Aktar min-nofs siegħa bogħod bil-mixi |

- Minn kull ringila agħżel l-aktar waħda li taqbel mal-post fejn toqgħod u agħtiha punteġġ.
- Ikteb il-punti ta' kull ringiela hawn taħt.
- Għodd il-punti kollha.

| | Punti |
|---|---|
| Fejn jinsab il-post | |
| L-għoli ta' l-art | |
| Bogħod mit-triq prinċipali | |
| Bogħod mill-fabbriki | |
| Punti Totali | |

Riżultat ta'

14-il punt jew aktar ifisser li l-post imniġġes ħafna

bejn 9 u 13-il punt ir-rata ta' tniġġis hija moderata

8 jew anqas ifisser li l-post huwa ftit li xejn imniġġis

Immarka t-tajba.

Ir-rata ta' tniġġis fejn noqgħod jien hi

| | |
|---|---|
| Għolja | |
| Moderata | |
| Baxxa | |



Illum qed jinħadmu karozzi li ma jużawx petrol jew diżil, iżda jaħdmu bl-użu ta' batteriji apposta. Dawn il-karozzi ma jagħmlux ħsara lill-ambjent, lanqas f'dak li hu ħoss. Meta din it-tip ta' karozza elettrika tkun tinsab għall-bejgħ, il-pompi tal-petrol jispiċċaw bla użu u nkunu nistgħu nieħdu xi ftit tan-nifs!

Kemm tkun ħaġa tajba kieku ma jkollniex aktar tniġġis u dħaħen fl-arja. Biss dan mhux possibli għalissa, peress li l-ħajja tagħna tiddependi tista' tgħid għal kollox fuq id-dawl elettriku. Id-dawl elettriku nipproduċuh fil-*power station* billi naħarqu ż-żejt li jikkawża dħaħen perikolużi u valenużi fl-arja. Aktar ma nużaw dawl elettriku fid-djar, fl-uffiċini u fil-fabbriki tagħna aktar ikollna gassijiet valenużi fl-arja.



Kompli din is-silta billi tuża l-kliem t'hawn taħt.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| twieqi | *energy saving* | televixins | żejt | tniġġis | duħħan |
| nitfu | xorb | *Reverse Osmosis* | | fannijiet | |

Għandna nagħmlu l-almu tagħna kollu sabiex innaqqsu l-ħela ta' l-enerġija għax b'hekk inkunu qed innaqqsu t- __________________ ta' l-arja. Kull meta nixegħlu d-dawl, il- __________________ , l-*air conditioners*, il-kompjuters, it- __________________ inkunu qed nużaw d-dawl li biex nipproduċuh irridu naħarqu ż- __________________ jew il-gass fil-*power station*. Aktar ma nużaw dawl aktar joħroġ __________________ miċ-ċmieni ta' l-enerġija. Mela jkun aħjar jekk nużaw bozoz __________________ speċjalment fil-kmamar li nużaw l-aktar. Hemm bżonn ukoll li nitgħallmu ______________ d-dawl tal-kmamar li ma nkunux qed nużaw. Meta nużaw l-*air conditioners* noqogħdu attenti li ma jkollniex __________________ u bibien miftuħin għax inkunu qed naħlu ħafna enerġija għal xejn. Ma ninsewx ukoll li nofs l-ilma li nixorbu nġibuh mill-impjanti tar- __________________ li jbiddlu l-ilma baħar f'ilma tajjeb għax- __________________ . Dawn ukoll jużaw ħafna elettriku allura jekk tiffranka l-ilma tiffranka wkoll l-elettriku.



Tista’ taħseb fuq xi affarijiet oħra li nistgħu nagħmlu biex innaqqsu l-użu tad-dawl elettriku u b’hekk innaqqsu t-tniġġis fl-arja?

Aħseb ftit. Agħmel lista ta’ x’tista’ tagħmel int fl-iskola biex tnaqqas il-ħela tad-dawl elettriku.



- ________________________________________
- ________________________________________
- ________________________________________
- ________________________________________
- ________________________________________

Innaqqsu t-tniġġis billi nużaw ix-xemx u r-riħ



L-enerġija tax-xemx tista’ tiġi wżata sabiex issaħħan l-ilma mingħajr bżonn ta’ elettriku. Jeżisti wkoll apparat li jbiddel l-enerġija tax-xemx f’elettriku.
Ċerti pajjiżi qed jużaw imtieħen apposta li jipproduċu l-elettriku mir-riħ. Ir-riħ idawwar l-iskrejjen kbar u aktar ma jduru aktar jiġġeneraw elettriku. Ara kemm niffrankaw dħaħen kieku nibdew nużaw sistemi bħal dawn!



Biex innaqqsu t-tniġġis ta' l-arja

Iddisinja *poster* fuq kif wieħed jista' jgħin biex innaqqsu t-tniġġis ta' l-arja mill-karozzi, mill-fabbriki jew mill-*Power station*.
Tista' tgħaqqad id-disinn tiegħek ma' xi wieħed minn dawn is-*slogans*.

B'tal-linja Aħjar.

Xi storbju!

Aħjar ix-Xemx miż-Żejt.



Wieġeb dawn il-mistoqsijiet.

- Semmi tliet modi kif il-fabbriki jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent.

____________________

____________________

____________________

- Semmi tliet modi kif il-vetturi jistgħu jagħmlu ħsara lill-ambjent ta' fejn tgħix int.

____________________

____________________

____________________

- Semmi tliet affarijiet li wieħed jista' jagħmel biex inaqqas t-tniġġis mit-traffiku.

____________________

____________________

____________________

- Semmi sitt ħwejjeġ li għandhom bżonn id-dawl elettriku biex jaħdmu.

- X'jissejjaħ il-post fejn jiġi ġġenerat id-dawl elettriku?

- Fejn jinsabu l-*power stations* li jipproduċu l-elettriku kollu li għandna bżonn fil- Gżejjer Maltin? Agħżel minn,

  Marsa  Sliema  Ħamrun  Nadur  Delimara  Mellieħa

- Spjega għaliex aktar ma nużaw ilma f'pajjiżna aktar se joħroġ duħħan miċ-ċmieni tal-*Power Stations*.

- Semmi żewġ metodi li bihom nistgħu nipproduċu l-elettriku mingħajr ma nniġġsu l-arja.



**Fittex fl-Internet**

Uża l-*website* t'hawn taħt biex issib:

- Tagħrif u ritratti dwar problemi ta' tniġġis li joħolqu l-fabbriki.
- Tagħrif dwar x'jista' jsir biex innaqqsu t-tniġġis ta' l-arja.

*http://schoolnet.gov.mt/geography/primary/workbook*